22004D0053

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 53/2004

tat-23 ta' April 2003

li temenda l-Anness XXI (Statistika) li tinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 33/2004 tad-19 ta' Marzu 2004 ([1]).

(2) R-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 fir-rigward tad-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għal statistika strutturali tan-negozju u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2700/98 li jikkonċerna d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għal statistika strutturali tan-negozju ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m' għandhiex tgħodd għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1a (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98):

"– **32003 R 1670**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 (ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 74)."

2. Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 1i (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1669/2003):

"1.j **32003 R 1670**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1670/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 fir-rigward tad-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għal statistika strutturali tan-negozju u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2700/98 li jikkonċerna d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għal statistika strutturali tan-negozju (ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 74).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim presenti, jinqraw bl-adattazzjoni li ġejja:

Dan ir-Regolament m' għandux jgħodd għall-Liechtenstein."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1670/2003 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġija, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 127, tad-29.4.2004, p. 144.
([2]) ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 74.

Artikolu 3

ŠDin id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2004, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE tal-, u fis-Suppliment ŻEE tal-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ma huma indikati ebda ħtiġiet kostituzzjonali.